# Claire

Francesca Gauci

"X'int iffukat dalgħodu kif għaddej tpinġi! Insomma, nista' naqta' qalbi li xi darba tpinġini għax il-baħar biss se tibqa' tpinġi!" qalet Claire bid-daħqa malli qalbet paġna mill-ktieb ta' Harry Potter li kienet qed taqra.

"Inti ħu naqra paċenzja. Xi darba npinġik żgur!" weġibha Christian mingħajr ma qala' għajnejh minn fuq il-karta.

Claire ħadet nifs twil 'il ġewwa u tefgħet ħarsitha fuq il-baħar li kien jaqbel perfettament mal-libsa ħafifa tagħha bi truf bojod pariġġ is-sandli. Kellha xagħarha kulur ir-ramel li r-riħ kien qed jieħu gost itajjar b'ġentilezza liema bħalha. Kellha ġiżirana blu skur donnha ġejja mill-fond nett tal-baħar u għajnejha ċelesti mislufin mill-baxx tiegħu, iħejju ruħhom għal futur blu ċar. Kienu se jiżżewġu bħal dakinhar xahar.

"Il-ħobż ġibnieh jew?" qal Christian malli l-lapes qallu li għal dakinhar kien lest.

"Inti kellek iġġibu, jiġifieri jekk insejtu aqta' kemm ngħidlek xorti!"

Qalbu għamlet tikk, imma xogħlu kien għamlu, u komplew is-serata ħelwa ta' kull nhar ta' Ħadd jieklu, jidħqu, u jgawdu l-baħar u l-kumpanija ta' xulxin.

Christian Devyn hu artist stabbilit ta' tletin sena. Minn kollox ipinġi, imma l-aktar il-baħar. Ta' tliet snin, kull karta li kienet tiġi f'idu kien itiha traċċi ta' mewġ u l-lapes ma damx ma ħa l-qagħda ta' jdejh. Kull sena fil-pocket tal-iskola kien ikollu tmien varjanti ta' blu, li qatt ma kienu jkunu biżżejjed. Ried kemm ried, qatt ma seta' jitfa' l-perfezzjoni tal-baħar fuq karta, imma baqa' jipprova.

* * *

"X'qed tpinġi, Christian?" kienet tifraħ miegħu Claire hi u ddur mad-desk tiegħu fil-primarja.

"Il-baħar."

"Kemm taf tpinġi! Pinġi lili, pinġi lili!" kienet tgħidlu b'għajnejha jixegħlu.

Kienet tixtieqha wisq dik it-tpinġija.

"Forsi xi darba npinġik," kien jgħidilha bi tbissima waqt li jibqa' għaddej fuq xogħlu.

"Jien se jkolli dgħajsa tiegħi xi darba. U se ndur id-dinja biha!" kienet tgħidlu, speċjalment wara li tkun għamlet dgħajsa mill-karta li tkun tathom il-miss.

L-iskola hekk għaddewha: id f'id, bil-baħar jgħaqqadhom. Is-snin tal-primarja għaddew bħal riħ ... kif għamlu wkoll tas-sekondarja, tal-Junior College u tal-Università, sa ma r-riħ baqa' jiżdied u jikkarga tul is-snin ... sa ma l-baħar għaddas id-dgħajsa tagħha sena wara li ġabitha, flimkien mal-ħolma tagħha li tara lil Christian ipinġiha, tliet xhur biss wara t-tieġ.

* * *

Baqa' jmur il-bajja kuljum; eżatt fil-post fejn kienu jmorru kull nhar ta' Ħadd bil-ħobż bit-tadam, fejn hu kien ipinġi u fejn hi kienet taqra, fejn kultant kienet tieqaf tammira t-talent ta' żewġha u timmaġina l-ġurnata meta tarah ipinġiha.

Baqa' jmur il-bajja kuljum sempliċement biex iħares fil-vojt, jimmaġina l-inċident bid-dgħajsa xi mkien 'l hemm barra, l-inċident li ġiegħlu jagħlaq l-isketchbook wara snin miftuħ.

Kien jimxi 'l hemm u 'l hawn ma jafx fejn se jaqbad jagħti rasu, jikkontempla fiex qiegħda r-relazzjoni tiegħu mal-baħar. Għax ma setax jifhem kif il-baħar li tant ħabb tul ħajtu seraqlu lill-aktar persuna għal qalbu. Ried jaħarbu, imma fl-istess ħin il-baħar baqa' jgħajjatlu.

* * *

Illum erġajt ninsab hawn. Il-bajja fejn konna nħobbu noqogħdu. U ġibt naqra ħobż bit-tadam ukoll. Sentejn ... domt sentejn biex erġajt ftaħt l-isketchbook.

Il-lapes qisu se jerġa' jtiha għat-tpinġija. Ħiereġ ħjiel ta' bidu ta' linja ta' mewġa friska, minn kurrent għalkollox ġdid, li ssebbaħ għax fih hemm int, Claire.

Bħas-soltu qed inħares eżatt lejn il-post hemm barra fejn il-baħar iddeċieda li inti tiegħu ... Min jaf fejn ħadek il-baħar, għażiża?

Xi kultant nifhem għalfejn ħadek il-baħar. Inti parti minnu. Anzi, inti l-baħar u l-baħar hu int. Sempliċi – int u l-baħar ruħ waħda.

Għax dak kollu li qatt affaxxinani mill-baħar qiegħed fik, mimlija enerġija u ħajja, u dejjem serraħtni daqsu – int li tfakkarni li kull mewġa tista' ġġib magħha togħma ġdida.

Ġmielek ma lħaqtx rajtu kollu imma ġmielek ma spiċċax dakinhar lanqas.

Ġmielek baqa' jaqdef u se jibqa' jikber ma' kull mewġa.

Issa nifhem għaliex inħobbu daqshekk il-baħar.

U issa naf li ħajti kollha kont qed inpinġi lilek, u inti – matul l-iskola u kull nhar ta' Ħadd – kont qed tarani npinġik.